32003D0048

L 16/68 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* 22.1.2003

# ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL 003/48/JHA tad-19 ta' Diċembru 2002 dwar l-implimentazzjoni tal-miżuri speċifiċi għall-koperazzjoni tal-pulizija u ġudizzjarja sabiex jikkumbattu t-terroriżmu skond l-Artikolu 4 tal-Posizzjoni Komuni 2001/931/PESK

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkonsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 30, 31 u l-Artikolu 34(2)(ċ) tiegħu,

Wara li kkonsidra l-inizjattiva ta' tar-Renju ta' Spanja ([1]),

Wara li kkonsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew ([2]),

Billi:

(1) Fil-laqgħa straordinarja tiegħu tal-21 ta' Settembru 2001, il-Kunsill Ewropew iddikjara illi t-terroriżmu huwa sfida reali għad-dinja u għall-Ewropa u li l-ġlieda kontra t-terroriżmu trid tkun għan ta' prijorità fl-Unjoni Ewropea.

(2) Fit-28 ta' Settembru 2001 il-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti adotta r-Riżoluzzjoni 1373 (2001) li tistabbilixxi strateġiji fuq firxiet wiesgħa sabiex jikkumbattu t-terroriżmu u b'mod partikolari għall-ġlieda kontra l-finanzjament tat-terroriżmu.

(3) Fit-8 ta' Ottubru 2001, il-Kunsill ta l-Unjoni Ewropea rrijafferma d-determinazzjoni ta' l-Unjoni Ewropea u ta' l-Istati Membri tagħha sabiex iwettqu l-parti kollha tagħhom, f'manjiera kkordinata, fil-koalizzjoni globali kontra t-terroriżmu taħt il-patroċinju tan-Nazzjonijiet Uniti.

(4) Fid-19 ta' Ottubru 2001 il-Kunsill Ewopew iddikjara li huwa ddeterminat li jikkumbatti t-terroriżmu f'kull għamla fid-dinja kollha u li jrid jissokta l-isforzi tiegħu li jsaħħaħ il-koalizzjoni tal-komunità internazzjonali sbiex tikkumbatti t-terroriżmu f'kull forma u għamla, bejn is-servizzi operattivi responsabbli mill-ġlieda kontra t-terroriżmu. L-*Europol*, l-*Eurojust*, is-servizzi ta' l-intelliġenza, il-qawwiet tal-pulizija u l-aworitajiet gudizzjarji.

(5) L-Artikolu 4 tal-Posizzjoni Komuni tal-Kunsill 2001/931/PESK tas-27 ta' Diċembu 2001 dwar l-applikazzjoni ta' miżuri speċifiċi għalbiex jikkumbattu t-terroriżmu ([3]) jipprovdi illi l-Istati Membri għandhom, permezz tal-koperazzjoni tal-pulizija u ġudizzjarja f'materji kriminali, ġewwa l-qafas tat-Titolu VI tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, joffru lil xulxin il-għajnuna l-iktar wiesgħa possibbli sabiex jipprevjenu u jikkumbattu l-atti terroristiċi. Din il-għajnuna għandha tkun imsejsa u sfruttata għal kollox bil-poteri ta' l-Istati Membri skond l-atti ta' l-Unjoni Ewropea u ftehmijiet internazzjonali, arranġamenti u konvenzjonijiet oħra li jkunu jorbtu lill-Istati Membri. L-għajnuna trid tiġi pprovvduta skond il-liġijiet nazzjonali ta' l-Istati Membri, b'mod partikolari dawk rigward is-segretezza ta' l-investigazzjonijiet kriminali.

(6) Il-Posizzjoni Komuni 2001/931/PESK u l-miżuri addizzjonali kkontemplati f'din id-Deċiżjoni jirrigwardaw il-persuni, il-gruppi u l-entitajiet elenkati fl-Anness ma' din il-Posizzjoni Komuni, li qiegħda tiġi aġġornata regolarment.

(7) Filwaqt li l-Posizzjoni Komuni 200/931/PESK tistabbilixxi ċerti garanziji sabiex tiżgura illi l-persuni, il-gruppi u l-entitajiet jiġu elenkati biss jekk ikun hemm kawża biżżjjed biex isir dan, il-Kunsill għandu jiġbed il-konsegwenzi meħtieġa minn kull sejba finali u minn ordnijiet li jiġu infurzati fl-*interim* minn qorti ta l-Istati Membri.

(8) Din id-Direttiva tirrispetta d-drittijiet fundamentali u tħares il-prinċipji kkonoxxuti mill-Artikolu 6 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Xejn f'din id-Deċiżjoni ma għandu jiġi interpetat li jippermetti l-ksur tal-protezzjoni legali offruta lill-persuni, lill-gruppi u lill-entitajiet elenkati fl-Anness mal-Posizzjoni Komuni 001/831/PESK,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

Għall-għanijiet ta' din id-Deċiżjoni:

(a) "il-persuni, il-gruppi u l-entitajiet elenkati" tfiser il-persuni, il-gruppi u l-entitajiet elenkati fl-Anness mal-Posizzjoni Komuni 2001/931/PESK;

([1]) ĠU C 126, tat-28.5.2002, p. 22.

([2]) Opinjoni mogħtija fl-24 ta' Novembru 2002 (għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

([3]) ĠU L 344, tat-28.12.2001, p. 93.

(b) "offiżi terroristiċi" tfisser l-offiżi riferiti fl-Artikoli minn 1 sa 3 tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2002/475/*JHA* tat-13 ta' Ġunju 2002 dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu ([1]);

(ċ) "Il-Kovenzjoni ta' l-*Europol*" tfisser il-Konvenzjoni tas-26 ta' Lulju 1995 dwar kif jiġi stabbilit Uffiċċju Ewropew tal-Pulizija ([2]);

(d) "Id-Deċiżjoni ta' l-*Ewrojust*" tfisser id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/187/*JHA* kontra l-kriminalità gravi ([3]);

(e) "Timijiet konġunti ta' investigazzjoni" għandha tiġi mifhuma bħal fid-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 002/465/*JHA* tat-13 ta' Ġunju 2002 dwar it-timijiet konġunti ta' investigazzjoni ([4]).

*Artikolu 2*

1. Kull Stat Membru għandu jinnomina servizz speċjalizzat fost is-servizzi tiegħu tal-pulizija, li, skond il-liġijiet nazzjonali, ikollu aċċess u jiġbor it-tagħrif kollu rilevanti li jirrigwarda u jirriżulta mill-investigazzjonijiet kriminali kondotti mill-awtoritajiet tiegħu ta' l-infurzar tal-liġi rigward l-offiżi terroristiċi li jinvolvu xi waħda mill-persuni, mill-gruppi jew mill-entitajiet elenkati.

2. Kull Stat Membru għandu jieħu l-miżuri meħtieġa sabiex jiż-gura illi jiġi mill-inqas it-tagħrif li ġej miġbur mis-servizz speċja-lizzat, jiġi kkomunikat lill-Europol, pemezz ta' l-unità nazzjonali ta' dan l-Istat Membru, skond il-liġijiet nazzjonali u safejn u sakemm permess mid-disposizjonijiet tal-Konvenzjoni ta' l-*Europol*, bil-ħsieb li jiġi pproċessat skond l-Artikolu 10 u b'mod partikolari l-Artikolu 10(6), ta' din il-Konvenzjoni.

(a) l-informazzjoni li tidentifika l-persuna, lill-grupp jew lill-entità;

(b) l-atti taħt investigazzjoni u ċ-ċirkostanzi speċifiċi tagħhom;

(ċ) ir-rabtiet ma' każijiet oħra rilevanti ta' offiżi terroristiċi;

(d) l-użu tat-teknoloġiji tal-komunikazzjoni;

(e) it-theddida mqajma mill-possessjoni ta' l-armi tal-qirda tal-massa.

*Artikolu 3*

1. Kull Stat Membru għandu jinnomina korrispondent nazzjonali ta' l-*Eurojust* għall-materji tat-terroriżmu skond l-Artikolu 12 tad-Deċiżjoni dwar l-*Eurojust* jew awtorità ġudizzjarja kompetenti approprjata jew oħra jew, meta s-sistema legali hekk tipprovdi, iktar minn awtorità waħda, u għandu, skond il-liġijiet nazzjonali, jiżgura illi dan il-korrispondent jew l-awtorità ġudizzjarja kompetenti approprjata jew oħra jkollhom aċċess u jistgħu jiġbru t-tagħrif kollu rilevanti li jirrigwarda u jirriżulta mill-proċedimenti kriminali kondotti taħt ir-responsabbiltà ta' l-awtoritajiet ġudizzjarji tiegħu, rigward l-offiżi terroristiċi li jinvolvu waħda mill-persuni, gruppi jew entitajiet elenkati.

2. Kull Stat Membru għandu jieħu l-miżuri meħtieġa sabiex jiż-gura illi mill-inqas it-tagħrif li ġej, miġbur mill-korrispondent nazzjonali jew mill-awtorità ġudizzjarja kompetenti approprjata jew oħra, safejn u sakemm permessi mid-disposizzjonijiet tad-Deċiżoni dwar l-*Eurojust*, sabiex jgħinuh iwettaq il-kompiti tiegħu:

(a) l-informazzjoni li tidentifika l-persuna, lill-grupp jew lill-entità;

(b) l-atti taħt investigazzjoni jew il-prosekuzzjoni taċ-ċirkostanzi speċifiċi tagħhom;

(ċ) ir-rabtiet ma' każijiet oħra rilevanti ta' offiżi terroristiċi;

(d) l-eżistenza ta' talbiet ta' għajnuna legali reċiproka, li tinkludi ittri rogatorji li setgħu kienu saru minn jew lil Stat Membru ieħor jew ir-riżultati ta' dawn.

*Artikolu 4*

L-Istati Membri għandhom, meta approprjat, jieħdu l-miżuri sabiex jistabbilixxu timijiet konġunti ta' investigazzjoni sabiex iwettqu investigazzjonijiet kriminali rigward offiżi terroristiċi li jinvolvu waħda mill-persuni, il-gruppi jew l-entitajiet elenkati.

*Artikolu 5*

L-Istati Membri għandhom jiżguraw illi l-informazzjoni kollha rilevanti li jikkomunikaw lill-*Europol* jew lill-*Eurojust*, skond l-Artikoli 2 u 3, u li jkollhom x'jaqsmu ma' kull waħda mill-persuni, il-gruppi jew l-entitajiet elenkati jew ma' l-offiżi meqjusa li ġew kommessi jew li sejrin jiġu kommessi, tista' tiġi skambjata bejn l-*Europol* u l-*Eurojust* safejn u sakemm ipprovvdut bil-ftehim dwar il-koperazzoni li jrid jiġi ffirmat bejn dawn iż-żewġ korpi, skond il-Konvenzjoni dwar l-*Europol* u d-Deċiżjoni dwar l-*Eurojust*.

*Artikolu 6*

Kull wieħed mill-Istati Mewmbri għandu jieħu l-miżuri meħtieġa sabiex jiżgura illi t-talbiet minn Stati Membri oħra għall-għajnuna legali reċiproka u l-għarfien u l-infurzar tas-sentenzi tal-qorti b'konnessjoni ma' offiżi terroristiċi li jinvolvu kull waħda mill-persuni, gruppi jew entitajiet elenkati, jiġu ttrattati bħala materja ta' urġenza u għandhom jingħataw prijorità.

*Artikolu 7*

Kull wieħed mill-Istati Membri għandu jieħu l-passi meħtieġa sabiex jiżgura illi kull tagħrif rilevanti inkluż f'dokument, inkartament, oġġett ta' tagħrif, oġġett jew mezzi oħra tax-xiehda, maqbuda jew ikkonfiskati fil-kors ta' l-investigazzjonijiet kriminali jew tal-proċedimenti kriminali f'konnessjoni ma' l-offiżi kriminali kontra kull waħda mill-persuni, gruppi jew entitajiet elenkati, jistgħu jintgħamlu aċċesibbli jew disponibbli fil-pront lill-awtoritajiet ta' l-Istati Membri l-oħra interessati skond il-liġijiet nazzjonali u l-istrumenti legali internazzjonali rilevanti meta l-investigazzjonijiet kontra dawn il-persuni, gruppi jew entitajiet elenkati jkunu qegħdin jitwettqu f'konnessjoni ma' offiżi tekniċi jew jistgħu jinbdew.

([1]) ĠU L 164, tat-22.6.2002, p. 3.
([2]) ĠU C 316, tas-27.11.1995, p. 2.
([3]) ĠU L 63, tas-6.3.2002, p. 1.
([4]) ĠU L 162, tal-20.6.2002, p. 1.

*Artikolu 8*

Din id-Deċiżjoni għandha jkollha effett mis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha fil-Ġurnal Uffiċjali.

Magħmula fi Brussel, fid-19 ta' Diċembru 2002.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

L. ESPERSEN